**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U ERBGĦIN 27ta' FRAR, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **49.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 49.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **49.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 49.2.1 | | Fir-rigward ta' punt 46.4.3 il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa lis-Sindku jekk għandux xi aġġornament fuq il-każ. Is-Sindku qal li l-gate ser issir żgur u mhux mill-Kunsill. |
| | | |
| 49.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa u t-tminja u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***49.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| | | |
| 49.3.1 | | Is-Sindku staqsa meta ser isiru l-laqgħat mal-Kuntrattur tal-knis u tal-ġonna. Kien hemm qbil li tali laqgħat isiru nhar is-Sibt li ġej. |
| | | |
| | | |
| ***49.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 49.4.1 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li anzjana trid reserved parking viċin il-kappella ta' San Bert. Kien hemm qbil li tapplika skont il-proċeduri. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 49.4.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Farrugia qrat messaġġ li rċeviet mingħand resident fi Triq Dun Vincenz Schembri, biex art privata tinbidel f'parkeġġ pubbliku.<br>Minn din l-art ser tinfetaħ triq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jinsisti ma' Infrastructure Malta biex iħaffef il-proċess u b'hekk jiżdied il-parkeġġ. |
| | | |
| 49.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa:<br>• f'hiex wasal ir-railing tat-taraġ li sar għal taħt iċ-ċint tan-Nigret. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ilu jikkuntatja lill-Infrastructure Malta fuq dan ir-rigward.<br>• Hemm bżonn li s-siġar taż-żebbuġ li saritilhom il-ħsara bil-maltemp fi Triq il-Miżieb, jerġgħu jitħawlu u jsiru siġar ġodda.<br>• Niċċa fi Triq il-Karmnu tal-Madonna tal Karmnu ser tkun irrestawrata mid-Direttorat tar-restawr taħt il-Ministeru għall-Ġustizzja, kultura u l-Gvern Lokali. Din intlaqgħet tajjeb ħafna mir-residenti. |
| | | |
| 49.4.4 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal:<br>• hemm bżonn manutenzjoni qawwija fi Ġnien il-Bennej.<br>• li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mal-MTA fuq ġnien il-ġibjun. L-MTA qalu li flok isir kuntratt mal-Kunsill fuq il-manutenzjoni tal-ġnien, ser isir memorandum of understanding illi l-ispejjeż li jkun hemm ta' manutenzjoni, jiġu orndati mill-Kunsill u jintbagħtu l-irċevuti lill-MTA u tħallas kollox hi.<br>• li l-MTA ser tagħti fondi għal ġnien il-Kunsill tal-Ewropa, wara li l-Kunsill joħroġ pjanti u BOQ tal-proġett.<br>• l-ERA nnotifikaw lill-Kunsill biex jindikalhom postijiet ta' potenzjal biex ikun hemm taħwil ta' siġar. |
| | | |
| 49.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• biex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Onorevoli Ownen Bonnici fuq ir-restawr tat-Torri tal-Wardija.<br>• li reġgħu ħarġu l-fondi tar-restawr u ppropona li tiġi rrestawrata l-kappella ta' Sant Andrija. L-ewwel iridu jinġibu permessi mill-awtoritajitet tal-knisja. Hu kompla jgħid li peress li l-Kunsill diġa ħa fondi fuq ir-restawr tal-istatwa ta' San Mikiel jaf ma jkunx jista jerġgħa jieħu fondi simili, imma dejjem għandu |

| | | |
|---|---|---|
| | | jipprova. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>• Triq il-Barrieri qed issir mill-Gvern Ċentrali u fil-passat kien hemm problemi kbar fuq tindif tal-pjazza fejn Garden of Eden. Fil-proġett kien hemm il-ħsieb li il-pjazzetta tibqa terrapien, imma l-Kunillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa lill-Inrastructure Malta u qablu li tali akwata tissebbaħ b'passaġġ u tingħata l-konkos. Hu ppropona li l-Kunsill iħawwel siġar u jinstalla bankijiet.<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-Reġjun nofsinhar għandu 18,000Euro fond li l-Kunsill jista jużah għal dan il-proġett. Kien hemm qbil li dawn il-fondi jintużaw ukoll għall-mitħna tax-Xarolla. |
| | | |
| 49.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato reġa tella l-każ li Triq l-Imqabba ssir *one way traffic*. Kien hemm qbil li dan il-punt jerġa jiġi diskuss f'seduti oħra. |
| | | |
| 49.4.7 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn sleeping policeman fejn il-Maypole fi Triq Bronja k/m Triq Sant Andrija. Kien hemm qbil li l-Kunsillier D'Amato u l-Kunsillier Abdilla jiltaqghu fuq il-post |
| | | |
| 49.4.8 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fi Triq Fangisk Zahra qed jipparkjaw maż-żewġ naħat tat-triq u qed jostakolaw l-aċċess għall-vetturi. Kien hemm qbi li jsiru double yellow lines fil-kantunieri. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 49.4.10 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa f'hix wasal il-proċess tar-roundabout li tinsab fi Vjal ix-Xarolla. Il-kunsillier Joseph D'Amato qal li qiegħed f'kuntatt mal-kuntrattur tal-manutenzjoni tal-bankini biex jagħmel ix-xogħol pjanat. |
| | | |
| | | |
| ***49.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **49.5a** | | Ma kienx hemm rapporti x'jitressqu. |
| | | |
| | | |
| ***49.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 49.6.1 | | Ma kienx hemm xogħlijiet oħra x'jiġu diskussi. |
| | | |
| ***49.6.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 49.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq email li l-Kunsill irċieva mingħand is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, fejn ressqet ilment fuq il-palm li tħawwel fir-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto u li fil- fehma tagħha tali palm ser jostakolaw il-vista tal-monumnet ta' Santa Katarina VM li ser jitpoġġa fi ftit żmien ieħor. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li kien jippreferi li r-roundabout kienet aktar sempliċi. Hu qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-ELC biex jikkonfermaw li mhux ser jogħlew il-palm li tħawwel. Hekk kif il-Kunsill ikollu risposta jiddeċiedi x'għandu jagħmel. Il-Kunsillier David Abdilla li hu inkarigat minn dan il-qasam, qal li jekk il-Kunsill ikollu konferma li tali siġar jogħlew fid-daqs, jintalab biex jitneħħew.<br>Il-Kunsill kollu minbarra l-Kunsillier Kenneth Farrugia qablu ma dan.<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ppropona li tali siġar jitneħħew minn issa u l-Kunsill ma jistennix risposta minn ELC.<br><br>Kien hemm qbil mal-Kunsillier responsabbli David Abdilla. |
| | | |
| | | |
| 49.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li residenti ta' parti minn Triq San Bartilmew fejn il-kappella ta'San Bert iridu li l-parti tal-ġemb tal-kappella tkun riservata għar-residenti li joqgħodu hemm.<br>Ma kienx hemm qbil fuq dan. L-isqaqin saru *parking for residents only* minħabba l-garaxxijiet li fihom. |
| | | |
| 49.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dawn it-talbiet:<br>• Is-Sezzjoni Zgħażagħ Palmisti talbu permess biex issir attivita fuq il-Gibjun fid-29 ta' Ġunju.<br>*Kif tkun approvata l-bye law, il-Kunsill jagħti risposta*.<br><br>• Il-grupp Alive - organizzazjoni biex jigbru fondi għar-riċerka fuq il-kancer u biex joħolqu aktar għarfien fuq is-saħħa. Jixtiequ li waqt l-inawgurazzjoni tal-ftuħ tar-roundabout jiġu grupp ta' ċiklisti li ser isuqu minn Oslo sa Amsterdam b'distanza ta' 1200km f'seba tijiem, biex jiltaqgħu ma dawk preżenti u jispjegawlhom din il-kawża ġusta.<br><br>*Il-Kunsill ma jħossx li l-attivita' tal-ftuħ tar-roundabout hi addatata għal biex din l-organizzazjoni titkellem fiha. Il-Kunsill jista jistieden lil din l-organizzazjoni f'attivita' oħra.*<br><br>• Issir keep clear fi Triq il-Kbira qudiem garaxx ta' residenza u issir bollard bħal ma hemm quddiem garage fi Triq il-Ħaddiema k/m Misraħ Mattia Preti.<br>Kien hemm qbil li ssir keep clear biss. |
| | | |
| ***49.6b*** | | ***Data għall-interviews tal-impjegat/a back to back*** |
| | | |
| 49.6b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm 8 applikant li bagħtu s-cv tagħhom għax-xogħol mitlub u li kienu jinsabu fil-lista mibgħuta mill-Jobplus, filwaqt li kien hemm persuna oħra li bagħtet is-Cv imma ma kienetx fil-lista ta' Jobplus. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għandha direttiva minn Jobplus li l-Kunsill ma jistax jagħżel persuni li mhumiex imniżla fil-Jobplus.<br><br>Kien hemm qbil li l-interviews isiru nhar is-Sibt fid-9:30 u jkunu preżenti Pierre Farrugia, David Abdilla, Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***49.6c*** | | ***Sistema tat-traffiku One-way u bollard fi Triq il-Mitħna*** |
| | | |
| 49.6c1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn li Triq il-Mitħna ssir one way u issir bollard bil-kantuniera mal-ewwel dar k/m Trejqet il-Barrieri, għax il-vetturi qed jagħmlu ħafna ħsara lill-faċċati tad-djar tan-nies.<br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. Id-direzzjoni tkun maqbula wara diskussjoni mar-residenti. |
| | | |
| ***49.6d*** | | ***Tismija ta' Sqaq fi Triq il-Kunċizzjoni*** |
| | | |
| 49.6d1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex sqaq fi Triq il-Kunċizzjoni jingħata isem jew numru għax ir-resdienti li jgħixu ġo fih mhux qed jinstabu mill-impjegati tal-posta u minn persuni oħra.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***49.6e*** | | ***Ġnien il-Ġibjun*** |
| | | |
| 49.6e1 | | Dan il-punt ġie diskuss f'punt 49.4.4. |
| | | |
| ***49.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA*** |
| | | |
| 49.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 56 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| ***49.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 49.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk Numru 89 u l-Minuti tal-laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni kunsill lokali numru 16. |
| | | |
| | | |
| ***49.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 49.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 7** għall-ammont totali ta' **€55,860.27**<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ma qabilx li jitħallas il-pagament tad-drinks u ikel għall-attivita' tal-Kunsill li saret f'iż-Zurrieq Wolves. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier Jean Pierre Attard.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours**<br><br>Mhux suppost li jkun hemm ħafna overtime minħabba l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ tal-uffiċini. L-overtime li jista jkun hemm ikun dak urġenti biss. |
| | | |
| ***49.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 49.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27 ta' MARZU, 2019 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __27____ ta' MARZU, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**